MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 328/2011

**MM Workshop Limited (C430230)**

**Vs**

**Dipartiment tal-Protezzjoni Civili**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta' attrici pprezentat fil-15 t' April, 2011, fejn ippremettiet :

Illi s-Socjeta' attrici wettqet xogholijiet fuq vetturi propjeta' tad-Dipartiment konvenut liema xogholijiet saru fuq ordnijiet tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili.

Illi d-Dipartiment konvenut naqas milli jhallas il-prezz ghax-xogholijiet maghmula mis-Socjeta' attrici u dan fis-somma ta elfejn disa' mija tmienja u tletin ewro u erbgha u sittin centezmu (€2938.64).

Illi minkejja li s-Socjeta' attrici interpellat lid-Dipartiment konvenut, f'diversi okkazzjonijiet anke permezz ta' ittra legali datata 22 ta' Lulju, 2010 Dok 'A' u ta' ittra ufficjali datata 1 ta' Settembru, 2010 Dok 'B', biex ihallsu s-somma dovuta ta' elfejn disa' mija u tmienja u tletin ewro u erbgha u sittin centezmu (€2938.64) izda d-Dipartiment baqa' 'nadempjenti.

Ghaldaqstant is-Socjeta' attrici umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal, jordna lid-Dipartiment konvenut ihallas is-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn disa' mija u tmienja u tletin ewro u erbgha u sittin centezmu (€2938.64) flimkien mal-ispejjez gudizzjarji nkluz dawk tal-ittra legali u tal-ittra ufficjali, kif ukoll, il-hlas tal-imghaxijiet relattivi skont il-ligi.

Ra r-risposta tas-Socjeta' konvenuta datata 24 ta' Mejju, 2011 fejn id-Dipartiment intimat jeccepixxi s-segwenti:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-intimat jeccepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif ser jigi sussegwentement muri lil dan l-Onorabbli Tribunal;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal premess, l-intimat jeccepixxi li ma huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u dan stante li fl-ewwel lok id-Dipartiment qatt ma ordna li jsiru dawn ix-xogholijiet li taghhom qieghed jintalab il-hlas, u li fit-tieni lok, dawn il-vetturi qatt ma gew mghoddija formalment lid-Dipartiment intimat;

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju, l-intimat jitlob lil kjamat in kawza ta' Mark Pace (ID547677M) ta' 106, Marcar, Triq Xintill, Tarxien, u dan peress li kien hu li ordna x-

xogholijiet li huma mertu ta’ din il-kawza u mhux id-Dipartiment intimat. Dan qieghed jintalab ukoll ghall-fini ta’ l-integrita’ tal-gudizzju;

4. Illi fil-mertu u bla pregudizzju, t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt kif ser jigi muri u ghandhom jigu michuda;

5. Bl-ispejjez;

6. B’riserva t’eccezzjonijiet ulterjuri jekk inhu l-kaz.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati u ra l-atti kollha tat-talba;

Ra ir-risposta tal-konvenut;

Sema’ x-xhieda ta’ Patrick Murgo prodott mill-attur.

Sema’ x-xhieda ta’ Josephine Mercieca prodotta mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew ipprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra li fis-seduta tat-28 t'April, 2014 thalliet ghas-Sentenza fuq l-ewwel eccezzjonijiet.

Illi l-versjonijiet tal-fatti tal-partijiet huma s-segwenti:-

Josephine Mercieca fl-affidavit taghha 'ddikjarat illi hi tiehu hsieb il-*front office* tal-workshop tas-Socjeta' attrici. Is-Socjeta' attrici taghmel xoghol ta' mekkanika lil diversi Dipartimenti tal-Gvern fosthom lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili. Ma hemm ebda kuntratt bil-miktub, il-ftehim pero' huwa li meta xi Dipartiment ghandu bzonn xi servizz isir appuntatment u tintbghat il-vettura max-xufiera tad-Dipartiment. Wara li isir ix-xoghol tintbghat *'invoice'* ghax-xoghol li sar u meta jghaddi xahar imbaghad jaghmlu *statement* tal-akkont ta' kull kjijent. Iddikjarat illi "l-ahhar pagament sar fid-19 ta' Frar, 2010 u li kien ikopri diversi "*invoices*". Illi 'llum it-talba ghall-hlas qed issir ghat-tlett invoices 2321, 3029, 3554 (meta xehdet ikkonfermat li dawn kienu invoices ghat-tiswijiet fuq vetturi Polo MW 2390 u Van PDC 005. Kompliet illi kull vettura li ssewwiet li kienet tas-*Civil Protection Department* jkollhom l-istickers tas-*Civil Protection Department* stess u x-xufiera jkunu bl-uniformi ukoll. Ghalhekk bl-ebda mod ma setghu jaghmlu tiswijiet fuq vetturi li ma kienux tas-*Civil Protection Department*. Fil-kaz tal-pagamenti kull darba li kienet tfakkar lid-Dipartiment ghall-hlas kienu jghidulha permezz ta' e-mail jew telefonata li l-pagament kien se jsir jew li l-pagament *in proce*ss. Fl-ahhar email li kien bghat is-Sur Cordina nhar l-4 ta' Dicembru, 2009 kien qalilha li l-pagament kien *in process*. Qatt ma kien hemm kontestazzjoni dwar l-ammont jew indikazzjoni li ma kienux ser ihallsu.

In oltre l-hlas li qed jintalab huwa ta' *invoices* numri 2321, 3029 u 3554. li huma parti minn rendikont li kien jintbghat kull xahar. Il-hlas ta' Frar, 2010 kien parti biss mill-hlas globali.[1] Illi 'kkontestat il-fatt li dawn it-tlett *invoices* kienu kontestati minn Patrick Murgo ghaliex id-Direttur ta' qabel kien accettahom u li kien jghid "*bills are in process*"

Fir-rigward ta' dawn qatt ma kienu parti mis-sistemi li 'ntuzaw maghhom.

[1] Ara dok a fol 77

**Patrick Murgo**[2] kien sar Direttur f' Jannar 2010. Meta ha l-kariga kienet avvicinatu Josephine Mercieca li qaltlu illi ma sarx hlas ghat-tiswijiet ta' vetturi. Illi mill-bidu kien car li ma sarx hlas ghaliex dawn il-vetturi ma kienux tad-Dipartiment. Illi l-fatturi li kienu nhargu kienu nhargu ghal kull vettura individwalment. Il-pozizzjoni tieghu kienet cara illi huma jhallsu *on a case by case basis* u wara li jsiru verifiki. Illi fir-rigward ta' tlett karrozzi li dwarhom kienu gew prezentati fatturi ghaliex marru ghandhom ghat-tiswija qatt ma sab rekords taghhom. Illi barra minn hekk mill-informazzjoni li kellu minn Peter Cordina (ex Direttur) dawn il-vetturi ma jappartjenux ghad-Dipartiment. Kien infurmat li kien certu wiehed Mark Pace li kien imur bil-vetturi ghand il-garaxx li ma kienx impjegat taghhom u lanqas kellu l-awtorita' biex jaghmel dan. Hu kien gie prezentat bi sitt *invoices* u wara analizi taghhom hallas tlieta "*buona volonta* ghaliex….. ma kienx hemm Local Purchase Order (LPO) u lanqas awtorizzazjoni *da parti* tad-Dipartiment biex issiru it-tiswijiet" pero' kien hemm tlieta minnhom li ma kienux tad-Dipartiment taghhom u hallasna dawk tad-Dipartiment taghna. Hu ddikjara li huma jhallsu fuq *invoices* u mhux *statements* ghalhekk hallsu ghall-vetturi taghhom. Illi l-vetturi taghhom huma kollha bit-targa "GVN jew GVH"[3]. Qal illi ghalhekk il-prassi normali hija li jkun hemm *Local Purchase Order* (LPO) li hija prassi li ilha zmien twil u stabbilita' mill-Gvern. Tista' ssir ukoll telefonata mid-Direttur biex impjegat jigi awtorizzat jaghmel tiswijiet. Permezz ta' nota Patrick Murgo pprezenta dokument li juri l-flotta shiha ta' vetturi tad-Dipartiment u kkonferma bil-gurament li l-vetturi mertu tal-kawza ma jifformawx parti mill-flotta tad-Dipartiment. [4]

Sema' x-xhieda ta' Brian Farrugia prodott mis-Socjeta' konvenuta li jokkupa kariga' ta Manager fl-Awtorita' tat-Trasport li xehed fir-rigward tal-vetturi PDC005 u W2390. Illi fil-kaz ta' PDC005 karozza tal-ghamla Peugeot Boxer, bajda hija registrata f'isem Mark Pace (K.I. Nru. 547677M) u ilha registrata fuqu min 25 ta' Jannar, 2007. Qabel kienet proprjeta' ta' Portughes Dry Cleaning Limited[5]. Fir-rigwrad tal- vettura W2390 in-numru ta' registrazzjoni kien jintuza bejn il-pejodu 21 t' Ottubru, 1993 u Gunju, 1997 kien abbinat ma' vettura Seat Ibiza ta' lewn hamrani. Il-pjanci tal-vettura 2390 gew mibdulin fis-sena 1997 u flokhom inhareg BAJ 512 li sal-gurnata tal-lum huma fuq din il-vettura. Qatt ma kienet registrata fuq id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili. Skont id-dokument (a fol 62) il-vettura hi registrata fuq Riyad Shwehdi (K.I.:-0038063A) u lha registata hekk mill- 21 t' Ottubru, 2006.

[2] Ara affidavit a fol 23
[3] Ara dok PM10u xhieda a fol 47
[4] Ara Dok 51
[5] Dok BF1 a fol 58

**Ikkunsidera:**

Illi fir-risposta tad-Dipartiment konvenut, gew sollevati eccezzjonijiet ta’ natura preliminari mid-Dipartiment konvenut. Ghalhekk, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jezamina u jiddeciedi dwar dawn:

(a) Legittimu kontradittur

Ma giex ikkontestat li t-tiswijiet li saru kienu fuq il-vetturi POLO W2390 u VAN PDC005. Fl-*istatement of account* l-*invoices* huma tlieta: *invoices*: 2321, 3554 ghall-Polo W2390 u 3029 ghall-van PDC005. Ghalhekk il-kontestazzjoni mis-Socjeta’ konvenuta huwa illi dawn ma jiffurmawx parti mill-flotta tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili u li d-Direttur ta’ dak inhar ma awtorizzax it-tiswijiet taghhom.

Illi l-prova ‘ngabet illi dawn il-vetturi ma kienux proprjeta’ tad-Dipartiment. Tajjeb li jigi rilevat illi d-Direttur Peter Cordina qatt ma tressaq biex jaghti evidenza fuq il-prassi li kien juza hu, jekk kienx hemm sistema u jekk vetturi ta’ impjegati kienux jintuzaw ghas-servizz tad-Dipartiment. Hija stramba illi dawn il-vetturi kellhom l-i*stickers* tad-Dipartiment bin-numri tat-telefon b’kollox. Skont Mercieca l-prassi kienet dejjem li jaghmlu appuntament minghajr l-LPO indikat minn Murgo bhala s-sistema li dejjem intuzat. Insistiet li ma kienx hemm sistema u li d-dokumenti murija bhala LPO’s (Ara PM1 et seq) kienu gew prezentati mal-hlas. *Di piu* kien biss meta dahal id-Direttur Murgo meta l-kont gie kontestat. Lanqas tressaq ix-xufier *ossia* s-sid Mark Pace ghall-evidenza tieghu.

Illi t-Tribunal ghalhekk ghandu quddiemu kunflitt ta’ verzjonijiet tas-sistema li ‘ntuzat ghal-uzu tas-servizz tas-Socjeta’ attrici - fuq naha d-Direttur “il-gdid” li qed jinsisti li kien hemm sistema *in place* u fuq naha l-ohra Mercieca li tghid illi dan ma kienx minnu.

It-Tribunal jaghmel referenza ghas-Sentenza **"Farrugia vs Farrugia"** (P.A. - 24 ta' Novembru, 1966) fejn intqal li:-

*"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A.(TM) - 30 t' Ottubru, 2003) inghad illi:-*"Fil-kamp Civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-Gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja,verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp Kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli"*

It-Tribunal ihoss illi fic-cirkostanzi ghandu joqghod fuq il-verzjoni tas-Socjeta'attrici. Il-fatt illi Peter Cordina ma tressaqx biex jikkorobora s-sistema li kienet tintuza, lanqas tressaq Mark Pace u anke l-fatt li wiehed mill-LPO's prezentati ghall-*invoice* 3000 ghandu l-istess data ta' meta sar il-pagament jindikaw illi Mercieca kellha ragun li LPO's ma kienux qed jintuzaw fi zmien d-Direttur ta'qablu kif indikat mid-Direttur il-gdid. Illi ghalkemm kien hemm is-sistema ma jfissirx illi kien jintuza u jigi rispettat. Illi ghalkemm jidher car illi d-Dipartment mhuwiex sid il-vetturi iz-zewg vetturi dehru li kienu qed jintuzaw ghad-Dipartiment u ghalhekk ma tistax wara dan iz-zmien tghid li ma kienux awtorizzati jekk se toqghod fuq il-verzjoni ta' Mercicea li b'semplici telefonata ghall-appuntament kienu jinkarigaw lis-Socjeta' attrici biex jaghmlu t-tiswijiet.

(b) Illi fir-rigward tal-preskrizzjoni l-artikolu 2148 (a) bil-perjodu preskrittiv ta' tmintax-il (18) xahar *"l-azzjonijiet tal-hajjata …. **u ta persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghall-prezz tal-opri jew tax-xoghlijiet** taghhom jew materjal li jifforni"(emfazi mizjuda)*

Illi meta ssolleva din l-eccezzjoni l-konvenut ghamel referenza ghall-fatturi datati 25 ta' Gunju, 2008 sa nhar l-24 t'April, 2008 li kollha flimkien jammontaw ghall-ammont mitlub ta' elfejn disgha mija tmienja u tlettin ewro u erbgha u sittin centezmu (€2938.64c). Illi ntbaghtet ittra ufficjali datata 1 ta' Settembru, 2010. Il-kawza nfethet fil-15 ta' Gunju, 2011. Illi skont il-konvenut il-perjodu skada qabel ma ntbghatet l-ittra ufficjali u ghalhekk illi skont l-evidenza murija dan huwa minnu. Ghalhekk il-pern tal-kwistjoni idur madwar il-fatt jekk id-Direttur qattx ametta li ghandu jhallas hekk skont ma titlob il-Ligi.

L- Artikolu 2133 u 2134 tal-Kodici Civili jikkontempla illi:

*Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja*

*Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn maghmul mid-debitur innifsu li jkun jidher ghalih"*

*Hu ormai saldament pacifiku illi hekk kif tigi eccepita l-preskrizzjoni, in kwantu din timporta presunzjoni ta' pagament, il-pretiz kreditur jista' jikkumbattiha b'diversi modi. Jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b'xi mezz iehor permess mil-ligi, cjoe, l-inamissibilita` ta' dik il-preskrizzjoni, u l-inapplikabilita` taghha, jew l-interruzzjoni jew is-sospensjoni taghha*[6] *Issokta jigi osservat ukoll illi "jekk id-debitur jirrikonixxi d-dejn dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anke prezunt jew indirett. U lanqas*

[6] (Kollez Vol XXVIII pI p93; Vol XXXVII pII p626).

*hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita` kollha dovuta, u jista' jirrigwarda kreditu il-likwidu" (Kollez. Vol. XLIII pII p744; Vol XLV pII p632). "Jibqa' dejjem pero` obbligu ta' min jeccepixxi l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni li jipprovaha" (Kollez. Vol. XXX pI p989), u f'kaz ta' dubju serju dan ghandu jmur favur dak li kontra tieghu qeghda tigi akkampata rinunzja ghad-dritt (Kollez. Vol. XXXII pI p44).*

Fil-kawza ***Joseph Cassar et noe vs Sunny sive Sonny Raymond Muscat*** (Qorti Appell 28/4/2004 rif 1230/1997/1) L-Onor Qorti tal-appella iddikjarat:

Ghall-precizazzjoni r-rikonoxximent ghall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-koezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri, (a) il-volontarjeta`; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivocita` u (d) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, *ad exemplum*, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont (Kollez Vol XXIX pI p755; Vol XLIII pII p744; "Victor Calleja noe vs Nazzareno Vassallo et noe", Appell, 5 ta' Ottubru, 1998). Naturalment l-indagini biex tigi stabbilita' jekk certu fatt jew dikjarazzjoni jikkostitwixxiex rikonjizzjoni tad-dejn jirrientra fil-qafas tal-poter diskrezzjonali tal-Gudikant. Diskrezzjoni li tibqa' insindakabbli jekk jirrizulta li din tkun nieqsa minn vizzji logici jew skorrettezzi tad-dritt.

**F'*Anthony Fenech et noe –vs- John Saliba*", Qorti Kummerc, 21 ta' April, 1971; *Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe*, Appell, 5 t' Ottubru, 1998).** Gie ritenut illi fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma sempliciment jikkontesta l-*quantum* ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri.

Issa l-kwistjoni huwa jekk il-pagament li sar akkont jew le u jekk inhu l-kaz jekk huwa ghalhekk accettazzjoni tad-debitu u 'nterrompa l-preskrizzjoni. Apparti minn dan l-*invoices* huma kollha separati minn xulxin u l-perjodu ghall kull wiehed jiddekorri mid-data tal-*invoice* u mhux minn xi *statement of account* li sar wara. Illi hawnhekk Patrick Murgo kien car meta ghamel il-hlas li kien qed ihallas ghall-certi *invoices* u mhux ohrajn ghaliex ma sabx il-verifiki

mehtiega u ghalhekk ma accettax d-dejn. Illi l-fatt li Peter Cordina rrisponda ghall-emails fejn qal "*Thanks, will review and inform you in due course*" jew "*in process*" fil-fehma tat-Tribunal ma jwasslux ghall-accetazzjoni ta' dejn kif jitlob il-Ligi. In vista ta' dan kollu t-Tribunal ihoss illi t-talba hija preskritta. Jirrizulta illi ma kien hemm ebda interruzzjoni ta' preskrizzjoni ghalhekk it-talba hija preskritta.

**DECIDE**

Ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-tieni eccezzjoni jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tal-preskrizzjoni.

L-ispejjez ta' din il-kawza jigu sopportati mis-Socjeta' attrici.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------